Ref Nru 13

Il-minuti tat-tlettax il-laqgha tas-seba` leglislatura tal-Kunsill Lokali Qala li nzammet nhar l-Erbgha 15 ta' Gunju 2016, fis-6:00 ta' filghaxija fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill.

Prezenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Clint Camilleri |
| Vici Sindku: | Paul Buttigieg |
| Kunsillieri: | Paul Buttigieg<br>Jesmond Borg<br>Karl Buttigieg |
| Segretarja Ezekuttiva: | Marcia Borg |

**1 Talba**

1.1 Il-laqgha nbdiet permezz ta' talba u giet preseduta mis-Sindku.

**2 Applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp bin-numru PA/03798/02 *construction of a destination port comprising a hotel, yacht marina and a tourist village* f' Hondoq ir-Rummien.**

2.1 Il-Kunsill ircieva zewg ittri minghand Yoanne Muscat mill-Awtorita` tal-Ippjanar dwar l-applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp bin-numru PA/3798/02 *construction of a destination port comprising a hotel, yacht marina and a tourist village* f'Hondoq ir-Rummien. F'wahda mill-ittri l-Kunsill gie nformat li ser tinzamm laqgha ta' informazzjoni fuq din l-applikazzjoni nhar is-16 ta' Gunju 2016 kif ukoll sabiex il-Kunsill jaghzel persuna li ser tkun ikkonsidratha bhala membru fil-bord tal-Ippjanar u li jkollha wkoll dritt ghall-vot fid-decizjoni ta' din l-applikazzjoni. L-ittra l-ohra dwar il-*public meeting* fejn ser tigi deciza din l-applikazzjoni nhar it-23 ta' Gunju 2016 kif ukoll il-Kunsill gie mistieden sabiex jekk irrid il-Kunsill jaghmel xi sottomissjonijiet. Il-Vici Sindku semma li huwa jixtieq li jkun f'dan il-bord. Is-Sindku staqsieh jekk tkunx problema peress li huwa wkoll membru tal-Moviment Harsien Hondoq. Il-Vici Sindku semma li huwa ccekkja dan u qal li ma tkunx problema. Il-Kunsill ghalhekk qabel li l-membru f'dan il-bord ghandu jkun il-Vici Sindku. Giet ippreparatha l-ittra dwar dan sabiex tintbghat lill-Awtorita` tal-Ippjanar. Il-Vici Sindku semma li huwa ser iressaq xi sottomissjonijiet. Il-Kunsiller Paul Buttigieg semma li s-sottomissjonijiet diga` kienu gew mressqa qabel u li mhemmx ghalfejn. Il-Kunsill iddiskuta dan u s-Sindku ssuggerixxa li l-ahjar hu li l-membru tal-bord jghid li l-Kunsill ma jaqbilx mal-progett u jghid f'*point form* ghalxiex. Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li jixtieq li jigi ccarat l-punt li din l-applikazzjoni hadem fuqha l-Kunsill kollu ghal dawn l-ahhar erbatax -il sena u mhux kif qed jinghad hemm barra li individwu wiehed biss hadem. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 3. Cerimonija tal-inawgurazzjoni tal-Progett tal-Belvedere

3.1 Is-Sindku ta spejgazzjoni dwar ic-cerimonija tal-inawgurazzjoni tal-progett tat-tisbih tal-Belvedere. Hu ta spejgazzjoni dwar il-programm kif ukoll dwar min ser jiehu hsieb is-*sound* li ser ikunu ta' Cefai Productions, dawl li ser ikun Joe Cutajar u l-palk.

Giet diskussa din il-materja:

Il-Vici Sindku semma li huwa kellu xi kuntatt mas-Segretarjat ta' l-Onorevoli Dr Justyne Caruana dwar il-*walkway* fil-bajja ta' Hondoq ir-Rummien. Huwa semma li kull ma jrid isir hu li tintbghat ittra lis-Segretarjat fejn jigi mitlub l-ghajnuna taghhom sabiex isir dan il-*walkway*. Huwa semma wkoll li hemm bzonn li jsir xi *railing* fil-bajja u ghalhekk ghandu jigi mitlub l-ghajnuna ghal dan ukoll.

## 4. Aggornament.

4.1 Il-laqgha ntemmet fit-7:00 ta' filghaxija. Laqgha ohra giet stabbilita ghal nhar il-Gimgha 29 ta' Lulju 2016.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ______________________ | ______________________ |
| Clint Camilleri | Marcia Borg |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |